# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 17 ta' Jannar, 2024

Avviz tat-Talba numru: 25/2021 CL

**Gasan Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Elton Barry sija bil-polza u sija bil-Ligi**

**VERSUS**

**Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Siggiewi**

Ra t-talba li giet ipprezentat fit-28 ta' Jannar 2021 fejn wara incident li sehh fis-17 ta' Novembru 2019, fejn il-vettura ta' Elton Barry, assigurat tas-socjeta attrici, bin-numru ELT017 soffriet hsarat wara illi Stephanie Barry saqet minn fuq hofra fonda u skabruza illi thalliet fuq wicc it-triq fit-Triq il-Wied, Siggiewi. Dan l-incident sehh b'negligenza,traskuragni u nuqqas ta' prudenza da parti tal-kunsill konvenut li naqas milli jzomm it-triq in kwistjoni fi stat ta' zamma u manutenzjoni tajba u mijnghajr senjalagg adegwat. B'hekk l-incident sehh unikament bhala rizultant ta' negligenza, traskuragni jew imperizija da parti tal-kunsill. Ghalhekk il-kunsill konvenut ghandu jigi ikkundanat jhallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf sitt mija u tmienja u sittin euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1668.24) rapprezentanti d-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru 2020 u bl-interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-kunsill konvenuta.

Ra r-risposta tal-Kunsill Lokali Siggiewi illi preliminarjament il-kunsill lokali m'humiex il-legittimu kuntradittur ghax din it-triq hija responsabilita' tal Transport Malta u ghalhekk il-Kunsill ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Illi fit-tieni lok id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Kunsill ma kellu ebda responsabilita ghall-incident mertu tal-kawza u ghalhekk ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn il-Kunsill u s-socjeta attrici. Illi l-Kunsill Lokali dejjem jigbed l-attenzjoni lil-awtoritajiet kompetenti dwar xi nuqqas u/jew ilment fil-konfini tieghu u t-triq in kwstjoni, li qieghda quddiem dahla ta' barriera minn fejn jghaddu hafna vetturi kbar, saret minn Transport Malta b'fondi ewropej. Il-kunsill kien qieghed jikkontesta l-incident nnifsu u d-danni reklamati u trid ssir il-prova dwar l-incident u fejn sar kif ukoll il-prova dwar il-polza u lil min tkopri. Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez inkluz il-prezenti u

tal-ittra legali datati 18 ta’ Frar 2020 u 7 ta’ Lulju 2020 u l-ittra ufficjali datata 21 ta’ Dicembru 2020.

Ra l-affidavit ta’ Maria Theresa Zahra in rapprezentanza tal-Agenzija tal-Infrastruttura Malta, li gietipprezentata fit-3 ta’ Mejju 2021 (foll 96) , fejn ikkonfermat illi l-kontenut tal-emails mibghuta lir-rapprezentant ta’ Gasan Mamo (foll11 sa 16) intbghatu minnha mill-indirizz eletroniku taghha fl-inkarigu taghha bhala segretarja tal-kumitat tal-claims. Ikkonfermat illi Triq il-Wied, Siggiewi ma taqax taht il-kompetenza ta’ Infrastructure Malta.

Semghet ix-xhieda ta’ Andrea Bondin, li ilu sitt snin jokkupa l-karigu ta’ motor claims adjuster ma’ Gasan Mamo Insurance li ipprezenta Dok AB1 sa AB14. Stephania Barry xehdet li kienet qieghda ssuq f’Triq il-Wied, Siggiewi, il-vettura ELT017 b’xi 50 km/h u maghha kien hemm Elton Barry. F’daqqa wahda hadet skoss u waqfet ghax semghet hoss u indunat li waqghet f’horfa. Kien id-dlam u x-xita u kienu bidlu t-tyre ghax inqasam imma ma setghux jaraw x’danni kien hemm. Ipprezentat tnax-ir-ritratt li gew immarkati Dok SB1 sa SB12, li kienet hadet l-ghada meta marru fuq il-post biex jaraw u sabu l-hofra li kienet ntliet b’xi konkos, izda xorta kienet tidher ghax kienet hofra kbira. Il-gurnata ta’ qabel x’hin marret vicin setghet tara li l-hofra kienet fonda ghax it-tarmac kien maqlugh. Fil-kontro ezami tghid illi ma setghetx tara l-hofra ghax kienet miksija bl-ilma, bhal triq kollha. ikonfeerma li fuq in-naha tax-xellug kien hemm barriera.

Elton Barry xehed illi hu kien ghadu kemm xtara karozza gimgha qabel, u kien hareg dawra bil-lejl mal-mara tieghu Stephania Barry, li kienet qieghda ssuq u waqt illi kienu fi triqthom lejn Ghar Lapsi, kien hemm l-ilma fit-triq u kif ghaddew hadu skoss fuq quddiem u fuq wara u nfaqa’ t-tyre. Wara li irranga t-tyre l-karozza bdiet titrieghed. Ma setghux jaraw it-toqba ghax kien hemm hafna ilma. L-ghada marru biex jicccekjaw u sabu li kienu ksew il-hofra bit-trab allura ma setghux jikkalkulaw kemm kienet fonda, imma kienu hadu r-ritratti. Mar jaghmel claim mal-insurance ghax kien nqasam l-axel ta’ quddiem tal-karozza u l-axel ta’ wara tghawweg ftit ukoll. Il-karozza kienet Nissan electric u t-triq kienet d-direzzjoni miz-Zurrieq ghal Ghar Lapsi u kien jghaddi spiss minn hemm bir-rota u kien jara hafna trakkijiet. Fil-kontro ezami qal illi kien ghadda t-tempji li jidhru u l-incident sehh hdejn il-barriera u sa fejn jaf hu m’hemmx dawl ghax kellu juza’ d-dawl tal-mobajl biex jbiddel it-tyre ghax kien id-dlam izda ma jiftakarx il-hin. Wara li hadu l-karozza biex ssir test saru jafu li l-hsarat fl-axle kienu fuq in-naha tal-passigier fejn ta’ quddiem inqasam u ta’ wara tghawweg. Fit-triq kien hemm l-ilma, dak il-hin ma kinitx nizla xita, izda matul il-gurnata kienet ghamlet ix-xita. L-ghada sabu l-hofra mimlija bir-ramel.Semghet ix-xhieda ta’ PS 482 Bjorn Schembri li ezebixxa kopja tar-rapport li gie maghmul minnu u ikkonfermah bil-gurament immarkat bhala Dok BS1.

Fl-14 ta’ Marzu 2022 xehed David Mifsud, surveyor ma’ Gasan Mamo Insurance xehed u ikkonferma illi Dok AB5 huwa s-survey report mhejji minnu wara spezzjoni li ghamel fuq il-vettura Nissan Leaf bin-numru tar-registrazzjoni ELT 017 fid-09 ta’ Dicembru 2019 wara incident li sehh fis-17 ta’ Novembru 2019. Hu ikkonferma illi l-ircevuti mmarkati Dok AB6 jirrigwardjaw l-istess parts skond ir-rakomandazzjonijiet tas-survey li ghamel hu. Fit-8 ta’ Gunju 2022 xehed Silvio Gatt li kif gie muri s-survey report AB5, ftakar illi l-vettura kienet

Nissan Leaf izda ma jiftakarx minn kienet il-klijenta ghalkemm jaf li kienet xtrat tyre tad-ditta Good Year li ma kienx komuni ghax kellu jordnah. Hu ikkonferma l-ircevuta tal-vat u l-invoice a foll 136 u 137 li kien hareg hu.

Fit-2 ta' Novembru 2022 xehdet Ritianne Giorgino, is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali, Siggiewi li Triq il-Wied, Siggiewi hija triq rurali bejn Siggiewi u Qrendi li fiha hafna barrieri, fosthom barrieri li jintuzghu ghar-radam u ghalhekk saret tintuza' minn hafna trakkijiet. B'hekk zdiedu l-hsarat fit-triq u l-kunsill ghamel diversi patching fit-triq, tant li dahlu entitajiet tal-gvern ohra, bhal Infrastructure Malta li ghamlu xi xogholijiet. Ipprezentat b'nota il-permessi fejn l-Infrastructure Malta kienet ghamlet resurfacing tat-triq wara li l-kunsill kien sewwa hu stess billi jibghatu il-kuntratturu fil-weekend anke b'mod temporanju biex ma jkunx hemm periklu. Il-kunsill ghandu contract manager u haddiema ohra li jduru t-toroq jew meta jidhol xi ilment biex jipatchjaw fejn hemm bzonn. Meta jkun hemm hafna maltemp il-hsara fit-triq tizdied. Ikkonfermat illi r-ritratti mmarkati SB3 sa DB6 kienu tal-hofra ghax kienet marret hi stess, flimkien mal-kuntrattur u s-sindki tas-Siggiewi u l-Qrendi. Peress illi kien hemm hafna ilma fil-hofra l-kuntrattur kellu jitfa l-materjal sakemm jinxef l-ilma u ssir il-patching. Dok CG2 turi l-entrata tal-barriera tar-radam u fil-fatt l-istess pjanta qieghda fil-permess ghal xoghol ta' resurfacing li jsir minn Infrastructure Malta. It-triq tinsab fil-konfini tas-Siggiewi u bhala triq rurali ma jkollhiex hafna dawl minhabba *light pollution*. Fil-kontro ezami ikkonfermat illi meta sehh l-incident kienet tokkupa l-inkarigu ta' segretaru ezekuttiv u tiftakar li kienet marret fuq il-post wara li dahal ir-rapport ta' dan l-incident partikolari u rat il-hofra mimlija radam kif jidher fir-ritratti ezebiti Dok AB4 li kien jsir fuq struzzjonijiet tal-Kunsill. Ikkonfermat illi l-permess li ipprezentat kien ghal resurfacing fis-sena 2020 izda sakemm sar ir-resurfacing, il-patching kien ghadu jsir mill-kunsill. Meta l-hsara tkun estensiva bhal ma kien f'dan il-kaz ma jibqax taht il-kunsill izda jigi taht Infrastructure Malta . Peress illi l-hofra kienet kbira cold asfalt ma kienx jahdem allura l-kuntrattur kellu jitfa trakk torba. Fil-fatt il-kunsill kien jirraporta ta' spiss lil Infrastructure Malta biex jsir il-resurfacing minhabba li t-trakkijiet kienu jigu minn Malta kollha u kienu jikkawzaw hsara fit-triq.

Wara li semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti, in-nota tas-socjeta attrici u n-nota tas-sottomissijonijiet tal-Kunsill Lokali Siggiewi. It-Tribunal ikkonsidra illi t-talba f'din il-kawza hija dwar hsarat ikkagunati fil-vettura Nissan Leaf, propjeta tal-assikurat tas-socjeta' attrici, wara li dahal f'hofra li kienet fit-triq il-Wied, Siggiewi. Mir-ritratti li gew ezebiti jidher li l-hofra li tinsab quddiem entratura ta' barriera hija kbira mhux hazin, li kien jkolllha tigi mimlija bir-ramel ta' spiss hekk kif ikkonferma ukoll is-Segretarju Eezkuttiv.Il-Kunsill Lokali ipprezentaw permess li juri li t-triq kellha bzonn resurfacing li sar minn Infrastructure Malta f'Settembru 2020 u ghalhekk skond huma l-kunsill ma kienx risposabbli ghal-hsarat, izda sakemm sar dan ir-resurfacing il-manutenzjoni kien ghadu jsir mill-Kunsill Lokali u ghalhekk stante li l-incident in kwistjoni sehh f'Novembru 2019,ir-responsabilita' tat-triq kienet ghadha tal-kunsill lokali.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici hekk kif surrogata u jiddikjara s-socjeta konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti u jikkundana lil-istess socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elf, sitt mija u tmienja u sittin euro u erbgha u ghoxrin centezmu(€1,668.24) rapprezentanti

danni ikkagunati fil-vettura, bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll tal-Ittra Ufficjali msemmija u bl-imghax mit-28 ta' Jannar 2021[1] sal-hlas shih.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Data ta' meta gietipprezentata l-kawza stante li ma gietx ipprezentata kopja legali tal-ittra ufficjali